# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 25 ta' Ottubru, 2023.**

**Numru 7**
**Ċitazzjoni numru 2224/1998/2 JPG**

**Simon Grech**

***v.***

**Dominic Humphreys**

1. Dan huwa appell tal-konvenut u appell inċidentali tal-attur minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-2 ta' Ġunju 2017 illi laqgħet talba tal-attur għal dikjarazzjoni li l-konvenut għandu jwieġeb għad-danni li l-attur ġarrab bħala konsegwenza ta' proċedura medika fuqu mwettqa ħażin mill-konvenut, u ikkundannat lill-konvenut iħallas id-danni li ġew likwidati fis-somma ta' ħamsa u sebgħin elf, sitt mija u sitta u erbgħin euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (€75,646.65), flimkien mal-imgħaxijiet relativi u l-ispejjeż tal-kawża. Il-konvenut appella mis-sejbien ta' ħtija u mil-likwid-

azzjoni tad-danni, li jidhirlu li f'kull każ għandha tkun anqas, waqt illi l-attur appella mil-likwidazzjoni tad-danni, li jidhirlu li għandha tkun aktar.

2. Il-fatti relevanti huma dawn: il-konvenut għandu klinika ta' kiropratika u l-attur mar għandu għall-kura wara li kien weġġa' għonqu waqt attività. sportiva. L-attur igħid illi l-konvenut għamillu "manipulazzjoni vigoruża" ta' għonqu u dirgħajh mingħajr ma ra l-kwadri radjoġrafiċi. Il-konvenut kompla b'din il-kura f'diversi sessjonijiet għalkemm l-attur kien igħidlu li kien iħoss uġigħ kbir kemm waqt il-kura u wkoll wara. L-attur igħid illi, minħabba f'hekk, saħħtu marret lura ħafna fi żmien qasir u kellu jitlob għajnuna ta' newrologu. Kellu wkoll joqgħod għal żewġ interventi kirurġiċi f'Londra u jmur kemm-il darba Londra għal aktar kura.

3. Billi ngħata parir illi l-ħsara lil saħħtu ġrat għax il-kura mogħtija mill-konvenut kienet ħażina, u, minħabba f'hekk, qiegħed ibati minn debilità li ma jfieqx minnha, iżda għalxejn sejjaħ lill-konvenut biex jagħmel tajjeb għad-danni li hu ġarrab bi ħtija tiegħu, l-attur fetaħ din il-kawża u talab illi l-qorti, wara li tgħid illi (i) il-konvenut għandu jwieġeb għad-danni li, min-ħabba nuqqas ta' ħila fil-professjoni jew sengħa tiegħu, ġarrab l-attur, (ii) tillikwida dawn id-danni u (iii) tikkundanna lill-konvenut iħallas id-danni hekk likwidati, flimkien mal-ispejjeż ġudizzjarji.

4. Il-konvenut ċaħad li hu qatt naqas fil-ħila tal-professjoni tiegħu u għalhekk ma jaħtix għad-danni li l-attur igħid illi ġarrab.

5. L-ewwel qorti, wara li laqgħet talba tal-konvenut għall-isfilz ta' dokumenti li l-attur kien ippreżenta wara li kien ingħalaq il-ġbir tax-xiehda, laqgħet it-talbiet tal-attur, iddikjarat illi l-konvenut għandu jwieġeb għad-danni li

ġarrab l-attur, illikwidat id-danni fis-somma ta’ ħamsa u sebgħin elf, sitt mija u sitta u erbgħin euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (€75,646.65), u ikkundannat lill-konvenut iħallas id-danni hekk likwidati flimkien mal-imgħaxijiet minn dakinhar tas-sentenza, u l-ispejjeż.

6. Ir-raġunijiet li wasslu lill-ewwel qorti għal din id-deċiżjoni ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

> »Fl-*affidavit* tiegħu ppreżentat fit-2 ta’ Mejju 2001, l-attur jixhed kif il-konvenut, mingħajr ma eżamina ebda *X-Ray*, qabad u għamillu manipulazzjoni vigoruża ta’ għonqu u dirgħajh. Jixhed li minkejja li kien qed jgħidlu konsistentement li qiegħed iweġġa’, u li l-uġigħ u l-ħruq kien dejjem jiżdied, il-konvenut kien jgħidlu li kellu jissaporti l-uġigħ għaliex *“no gain without pain”*. Meta ra li l-uġigħ baqa’ persist-enti, l-attur mar għand in-newrologu Dr Anthony Galea Debono, li rrilaxxjalu ċertifikat li fih hemm indikat li l-manipulazzjoni kienet kontro-indikata f’każijiet ta’ *whiplash injury*.
>
> »L-attur jgħid li Dr Galea Debono rriferih għand *neurosurgeon* ieħor ġewwa Londra, Mr Afshar, li ddeskriva l-istat tal-ispina tiegħu bhala “*a big mess*” u qallu li lanqas kieku waqa’ minn għoli konsiderevoli ma kien ikollu sitwazzjoni ta’ frakass tad-*discs* bħal dak li sab. L-attur jixhed ukoll kif wara żewġ operazzjonijiet serjissimi li żammewh xahar ġewwa Londra, huwa kellu bżonn kors intensiv ta’ fiżjoterapija fl-Isptar San Luqa kif ukoll fil-privat mal-fiżjoterpista Ian Zammit. Jgħid li Mr Afshar kien qallu sabiex joqgħod attent ħafna fl-ewwel sentejn minħabba l-*plate* tal-metall li kienu poġġewlu kif ukoll minħabba l-għadam estraneji, u għalhekk l-attur kien jibża’ ħafna ma’ kull ċaqliqa. Mr Afshar kien avżah ukoll illi ħajtu ma setgħetx tkun ħielsa minn uġigħ u li l-uġigħ kien inevitabbli minħabba t-*traumas* li kien għadda minnhom u minħabba l-fatt li n-nervituri kienu ilhom magħfusin bil-*herniated discs* u b’hekk kienet saritilhom ċerta ħsara. Kellu jevita kull forma ta’ *sport* ħlief għall-għawn u kellu jirrinunzja għall-*hobbies* tiegħu bħal ma huma *water skiing* u użu ta’ *speed boats*. Jgħid ukoll li ma jista’ jagħmel ebda forma ta’ tqandil u jista’ jsuq karozzi li għandhom *power steering* biss.
>
> »… … …
>
> »Il-konvenut, in kontro-eżami waqt l-udjenza tal-21 ta’ Jannar 2001, jgħid illi huwa għandu dottorat fil-*chiropratic* u kkwalifika mill-*Anglo-European College* madwar għoxrin sena ilu. Huwa jixhed illi kien avża lill-attur dwar il-fatt li ma setax jiggarantixxi suċċess. Jgħid ukoll illi l-attur qallu li kienu għamlulu *X-rays* l-isptar iżda li dawn ma kienu wrew xejn u hu ma nsistiex li jara l-*X-ray* peress illi l-*X-ray* ma kienx ser juri l-patoloġija *stante* li problemi fid-*discs* ma jidhrux fl-*X-ray*. Huwa jgħid illi beda b’*gentle traction* and *mobilisation* li l-istudji wrew illi seta’ jwassal għal riżultati mingħajr konsegwenzi. Jikkonferma wkoll illi t-*traction* hija forma ta’ *manipulation*, però jiċħad illi uża l-espressjoni “*no pain, no gain*”. Jixhed li uża *orthopaedic* and *neurological testing*

sabiex jittestja l-ammont ta' wġigħ u ħsara fil-pazjent. Il-konvenut jiċħad illi l-ħsara li ġrat lill-attur ġiet mill-manipulazloni tiegħu jew li l-*plate* li tpoġġietlu saret minħabba l-aġir tiegħu.

«L-attur waqt l-udjenza tat-22 ta' Frar 2005 xehed illi l-konvenut qatt ma staqsieh għal xi *X-rays*. Jgħid li eżatt wara l-ewwel manipulazzjonijiet huwa kien qal lill-konvenut li qiegħed iżoss idejh *on fire* iżda qallu "*listen, in life no pain no gain*" u qalha xi ħames darbiet. Jgħid li kemm it-Tabib Galea Debono kif ukoll Afshar qalulu li l-agħar ħaġa li seta' jagħmel kien *manipulation.* Jgħid li, kif kien irritorna mill-Ingilterra, il-konvenut kien għalaq il-*clinic* u ħarab minn Malta.

»Il-konvenut fl-*affidavit* tiegħu jikkwota numru ta' studji fuq il-metodi tiegħu u jikkonkludi illi "*whatever the chiropractic technique used, these independent studies conclude that our treatment is safe by any standards*". Jikkonkludi billi jgħid ill f'għoxrin sena prattika dan huwa l-ewwel każ illi fetħulu u l-eluf ta' pazjenti li ttratta kellhom riżultati tajbin ħafna.

»… … …

»Il-konvenut in kontro-eżami waqt is-seduta tat-2 ta' Lulju 2009 jgħid:

> »"… I say that having checked my notes I can confirm that I have not used manipulation of the neck but mobilisation, traction and soft tissue therapy. Mobilisation is different to manipulation."

»Jgħid li għalkemm it-trattament li ta lill-attur ma ħadimx, dan ma jfissirx illi kien hu li kkawża l-problema. Jgħid li l-attur weġġa' waqt li kien qiegħed jilgħab *squash*. Il-konvenut jikkonferma wkoll:

> »"I did then proceed to mobilise the patient – notwithstanding the fact that I had not seen the X-rays. I confirm that when he turned up plaintiff was in agony. I will not disagree with a statement saying that after 10 sessions patient was still in same pain – that he did not get better."

»… … …

»… … … minn eżami tal-ġurisprudenza fuq din il-materja jidher illi, fil-maġġior parti, il-qrati tagħna jaċċetaw illi teżisti relazzjoni kuntrattwali bejn tabib u l-pazjent tiegħu, u għalhekk kawża għad-danni ta' dan it-tip għandha tkun ibbażata fuq danni kuntrattwali.

»… … …

«Rigward l-oneru tal-prova, gie rrilevat fis-sentenza fl-ismijiet <u>Christian D'Agostino *et noe v.* It-Tabib Ewlieni tal-Gvern</u> deċiża minn din il-qorti diversament presjeduta fid-29 ta' Jannar 2014 u li minnha ma ġie interpost ebda appell, illi:

> »"[f]il-każ ta' azzjoni għad-danni naxxenti mir-responsabbiltà kuntrattwali l-attur għandu jipprova li huwa kellu favur tiegħu dik l-obbligazzjoni kuntrattwali u li l-konvenut kien inadempjenti fl-esekuzzjoni ta' dik l-obbligazzjoni fil-konfront tal-istess attur. F'din it-tip ta' azzjoni huwa l-konvenut li għandu oneru ta' prova iktar diffiċli impost fuqu, *stante* li l-konvenut għandu jiġġustifika l-inadempjenza kuntrattwali tiegħu u jipprova li tali inadempjenza *se mai* irriżultat minħabba fattur fuq liema ma kellux kontroll (<u>Maġġur Alfred Briffa *et v. The Golden Shepherd Group Limited*</u> *et*, deċiża fil-31 ta' Ottubru 2013).

»"[…]

»"Sabiex jirnexxu fit-talbiet, ir-rikorrenti f'din il-kawża kellhom jippruvaw għas-sodisfazzjon tal-qorti żewġt iħwejjeġ – *cioè* l-eżistenza tal-kuntratt u l-ħsara. … … … Kif irriteniet il-*Corte di Cassazione* fil-fuq ċitata deċiżjoni tal-11 ta' Jannar 2008 (n. 577), il-pazjent, f'ċirkostanzi bħal dawn *"deve limitarsi a provare il contratto (o il contatto sociale) e l'aggravamento della patologia o l'insorgenza di un'affezione ed allegare l'inadempimento del debitore, astrattamente idoneo a provocare il danno lamentato*."

»F'dan il-każ, l-attur qed jitlob illi l-konvenut jinsab responsabbli għad-danni allegatament sofferti minnhu kaġun in-nuqqas ta' ħila tal-konvenut fil-professjoni jew sengħa tiegħu. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu mbagħad jispjega illi l-konvenut kien ikkometta: (1) *a diagnostic error,* (2) *an error of judgement,* (3) *non-disclosure* u (4) negliġenza.

»Il-qorti tqis l-ewwel nett illi tressqu provi suffiċjenti rigward l-eżistenza ta' kuntratt bejn il-partijet, u dan peress illi mill-atti jirriżulta – u m'huwa kontestat mill-ebda wahda mill-partijiet – illi l-attur irrikorra għand il-konvenut għall-trattament ta' *chiropractic* wara li sofra *whiplash injury* u l-konvenut aċċettata illi jagħtih dan it-trattament, u għalhekk ġiet ipperfezzjonata r-rabta kontrattwali bejn il-partijiet, bl-obbligi kollha li din iġġib magħha.

»Fir-rigward tal-ħsara, il-qorti tagħmel referenza għar-relazzjoni tal-perit mediku Dr Josanne Aquilina fejn il-perit mediku kkonkludiet illi anke wara l-kura kollha li rċieva l-attur, inkluż żewġ operazzjonijiet fuq is-sinsla tal-għonq, huwa jsofri minn rata ta' diżabilità permanenti ta' ħamsa u għoxrin fil-mija (25%). Però, kif jirrelata l-perit legali, għalkemm din ir-relazzjoni kienet ferm eżawrijenti, ftit tgħin sabiex jiġi stabbilit in-ness kawżali bejn id-dani sofferti mill-attur u l-aġir tal-konvenut.

»F'dan ir-rigward il-qorti taqbel ma' u tagħmel tagħha il-konklużjonijiet tal-perit legali illi mill-assjem tal-provi jirriżulta n-ness kawżali bejn id-danni subiti mill-attur u l-aġir tal-konvenut, u dan speċjalment *in vista* tal-ċertifikat tal-Professur Galea Debono u x-xhieda tiegħu tas-6 ta' Ġunju 2003, fejn l-istess professur ikkonferma illi l-manipulazzjoni eżerċitata fuq l-attur mill-konvenut kienet assolutament kontro-indikata fiċ-ċirkostanzi. Kif jirrelata l-perit legali, hija biss ipotesi illi l-attur kien diġà kellu grad ta' disabilità qabel ma ħa t-trattament in kwistjoni mingħand il-konvenut, u dan billi la hemm provi fuq l-eżistenza ta' tali disabilità pre-datata għat-trattament in kwistjoni, u wisq anqas l-estent tagħha.

»Għalhekk f'dan il-punt il-qorti trid tiddetermina jekk il-konvenut uriex nuqqas ta' ħila professjonali jew negliġenza kif allegat mill-attur.

»Wara li rat l-atti kollha tal-kawża l-qorti taqbel perfettament mal-konklużjoni tal-perit legali illi l-konvenut huwa responsabbli għad-danni sofferti mill-attur. Jibda biex jingħad illi l-konvenut wera nuqqas ta' ħila u prudenza assoluta meta għamel manipulazzjoni (*mobilisation)* ta' għonq l-attur mingħajr ma kkonsulta mal-*X-rays* u/jew ir-rapport tar-radjologu, u b'hekk mexa fuq il-konklużjoni erronja illi t-testijiet mediċi li għamel l-attur ma wrew xejn meta fil-verità dawn urew telfien tal-kurvatura normali tal-għonq – fatt mediku li għandu relevanza fil-

kwistjoni ta' *herniated discs* kif taċċenna għalih l-espert mediku l-Konsulent Josanne Aquilina fir-rapport tagħha.

»Barra minn hekk jirriżulta wkoll mir-relazzjoni tal-perit mediku illi fil-letteratura hemm opinjonijiet diverġenti fir-rigward tar-rakkomendabilità ta' manipulazzjoni jew mobilizzazzjoni f'każ ta' *whiplash injury* u jekk din hiex kontro-indikata, għalkemm fil-letteratura kollha jidher illi hemm qbil li hemm bżonn aktar riċerka ir-rata ta' suċċess u ta' komplikazzjonijiet ta' dan it-trattament. Jirriżulta wkoll illi hemm xi kontro-indikazzjonijiet assoluti għal *chiropractic,* u *cioè rheumatoid arthiritis* u kondizzjonijiet simili fejn ikun hemm nuqqas ta' stabbilità tal-ġogi.

»Il-qorti terġa' tagħmel aċċenn għan-nuqqas ta' ħila, diliġenza u prudenza murija mill-konvenut meta qabad u għamel mobilizzazzjoni ta' għonq l-attur mingħajr ma kkonsulta mal-*X-rays* u r-rapport tar-radjologu, ġaladarba, apparti illi fiċ-ċirkostanzi tal-attur it-trattament seta' kien kontro-indikat, il-konvenut kellu wkoll jaċċerta ruħu illi ma kinux preżenti dawk il-kondizzjonijiet li jagħmlu t-tip ta' trattament in kwistjoni assolutament kontro-indikat.

»Barra minn hekk, il-qorti tqis ukoll illi l-konvenut għal darba oħra wera nuqqas ta' ħila, diliġenza u prudenza meta issoġġetta lill-attur għal numru ta' trattamenti, saħansitra darbtejn kuljum, meta l-kondizzjoni tal-attur mhux talli ma kinetx qed tiġi 'l quddiem, iżda kienet qed tiddeterjora, u l-attur kien, skont il-konvenut stess, f'agonja, minflok ma rreferieh sabiex jagħmel eżamijiet dijanjostiċi mediċi ulterjuri. Kieku l-konvenut wera aktar prudenza fit-trattament tiegħu tal-attur, speċjalment meta l-letteratura fuq il-materja miktuba minn *chiropractors* innifishom tgħid illi hemm bżonn aktar riċerka fuq l-użu ta' *chiropractic* f'sitwazzjonijiet bħal dawk riskontrati fl-attur u li dan it-trattament għandu jsir "*with the utmost care*", hemm probabbilità illi kienet tiġi evitata almenu l-parti kbira mill-ħsara u sofferenza illi l-attur sofra.

»Finalment, il-qorti taqbel ukoll mas-sottomissjoni tal-attur illi l-konvenut naqas ukoll fl-obbligi tiegħu versu l-attur meta naqas milli jagħtih l-informazzjoni kollha neċessarja sabiex ikun jista' jasal għal deċiżjoni informata dwar it-trattament u jekk riedx ikompli għaddej bih. Il-qorti tqis illi kien doveruż fuq il-konvenut, bħala professjonista fil-qasam tas-saħħa, anke jekk dik alternattiva, illi jagħti lill-attur informazzjoni dwar it-trattament li kien ser jieħu u l-komplikazzjonijiet tal-istess. In-nuqqas tal-konvenut li jagħti din l-informazzjoni lill-attur sabiex dan ikun jasal għal deċiżjoni informata dwar it-trattament in kwistjoni m'hijiex biss nuqqas lampanti ta' prudenza u diliġenza min-naħa tal-konvenut, iżda ssarraf ukoll f'nuqqas ta' ħila bażika li għandu jkollu professjonista fil-qasam tas-saħħa, għaliex l-għoti ta' informazzjoni neċessarja lill-pazjenti dwar it-trattamenti li huma jkun jridu jirċievu huwa *skillset* bażiku, tant li jiġi mgħallem fil-kors tal-mediċina, u huwa fondamentali għall-eżerċizzju tal-pazjenti tad-dritt għal awtonomija tagħhom.

»Il-qorti għalhekk hija tal-fehma illi l-konvenut wera nuqqas ta' ħila fil-professjoni tiegħu, kif ukoll negliġenza kbira fit-trattament tiegħu tal-attur. Minn dan isegwi illi l-attur naqas milli jonora l-obbligi kontrattwali tiegħu versu l-attur u għalhekk għandu jirrispondi għall-ħsara sofferta mill-attur kaġun tal-aġir tiegħu, u minħabba dan in-nuqqas, skont il-perit mediku, l-attur sofra disabbilità permanenti ta' ħamsa u għoxrin fil-mija (25%).

»Il-qorti tippreċiża li, apparti t-trauma f'għonq l-attur, li sofra in segwitu tat-trattament da parti tal-intimat, f'Mejju 2007 sfortunatament l-attur kien involut f'inċident ta' traffiku, f'liema inċident sofra ksur tal-ewwel rukkel fir-reġjun lumbari tas-sinsla ta' dahru (*first lumber vertebra*). L-attur ġie operat għal tali ksur f'Mejju tal-2007. *Di più* f'Settembru ta' 2008 f'intervent kirurġiku ieħor l-attur tneħħew l-*implants* tal-metall. Fl-eskussjoni sserratta tagħha, l-konsulent mediku Josanne Aquilina xehdet illi, għal regward tal-ħsara f'għonq l-attur, il-figura ta' ħamsa u għoxrin fil-mija (25%) disabilità permanenti tibqa' minnha kkonfermata.

»L-attur qiegħed jitlob ukoll riżarċiment morali għat-trawma li sofra kagun l-aġir tal-konvenut, u dan fis-somma ta' sittin elf euro (€60,000).

»Il-qorti tqis illi, minkejja li l-qorti diversament preseduta kienet ordnat l-għeluq tal-provi tal-attur fit-8 ta' Marzu 2006, l-attur sa dak il-mument ma kien ressaq ebda prova rigward id-danni materjali jew morali sofferti minnu. Filfatt, huwa la ressaq xi psikologu jew psikjatra sabiex dawn jixhdu rigward id-danni morali allegatament sofferti minnu u lanqas ma ressaq xi professjonistà mill-*pain clinic* sabiex jixhdu rigward l-uġigħ li l-attur esperjenza, u/jew għadu jesperjenza u t-trattament għal dan l-uġigħ biex b'hekk il-qorti tkun tista' tasal għal konklużjoni rigward kwalunwke danni morali subiti mill-attur anke minħabba xi inkonvenjent li huwa għadu jsofri minħabba l-aġir tal-konvenut.

»Fid-dawl tal-prinċipju *ei incumbit probatio qui dicit, non qui negat*, a kawża tan-nuqqas ta' prova imressqa mill-attur rigward danni morali l-qorti tqis illi hija prekluża milli tordna lill-konvenut iħallas tali danni lill-attur.

»Jibqa' għalhekk biex jiġi determinat il-*quantum* ta' danni sofferti mill-attur.

»Fir-rigward ta' *dannum emergens,* l-attur qiegħed jitlob riżarċiment tal-flus li hu kien ħallas lill-konvenut għat-trattamenti. Il-qorti tinnota f'dan ir-rigward illi ma ġew preżentati mill-attur l-ebda riċevuti biex juru kemm kien qiegħed iżallas, iżda fid-dokument eżebit *a fol.* 370 tidher nota skont liema jirriżulta li l-konsulta kienet tiswa (Lm10) ekwivalenti (€23.25) waqt li t-trattament kien jiswa (Lm3) ekwivalenti għal (€6.97), u m'huwiex kontestat illi l-attur irċieva għaxar trattamenti. Minn dan għalhekk il-qorti tista' tikkonstata illi d-*dannum emergens* fir-rigward tal-flus imħallsa lill-konvenut huwa ta':

| | | |
|---|---|---|
| »Trattament €6.97 ×10 = | € | 69.70 |
| »+ konsulta: | € | 23.25 |
| »Total | € | 92.95 |

»Il-qorti rat ukoll illi għalkemm jirriżulta u mhux kontestat illi l-attur kellu jmur Londra għal konsulti u interventi mediċi bi spiża pubblika, jidher li kien kostrett jivvjaġġa Londra għall-konsulti u interventi privati, u kellu anke jqatta' xi żmien Londra minħabba l-konvalexxenza. Minkejja dan huwa ma ressaq l-ebda prova rigward l-ammont li huwa nefaq per konsegwenza ta' dan. Għalhekk, f'dan ir-rigward il-qorti m'għandha l-ebda għażla oħra ħlief illi tillikwda *arbitrio boni viri* s-somma dovuta lill-attur f'dan il-kuntest fl-ammont ta' hamest elef euro (€5,000).

»Għalhekk is-somma totali dovuta lill-attur bhala *dannum emergens* hija ta' ħamest elef, tnejn u disgħin euro punt ħamsa u disgħin ċenteżmu (€5,092.95).

»Fir-rigward tal-likwidazzjoni ta' danni *lucrum cessans*, jirriżulta u mhux kontestat illi l-attur kellu 27 sena meta mar jieħu t-trattament in kwistjoni mingħand il-konvenut u sofra d-danni hawn fuq imsemmija. Barra minn hekk, il-perit mediku kkonstatat illi l-preċentwali ta' disabilità permanenti sofferta mill-attur hija ta' ħamsa u għoxrin fil-mija (25%).

»Il-qorti rat għar-raġuni ġà fuq indikata li l-attur ma ressaqx provi rigward l-introjtu tiegħu, u lanqas biss prova rigward x'kienet il-professjoni tiegħu, tant li anqas aċċenn għal dan m'għamel fix-xiehda mogħtija minnu, għajr għad-dokumenti li hu ipprezenta flimkien man-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu tas-17 ta' Ottubru 2016, u *cioè* snin sħaħ wara li kien għalaq il-provi. Għalkemm l-attur jistaqsi fit-trattazzjoni tiegħu għalfejn m'għandomx jigu aċċettat dawn id-dokumenti bħala prova, il-qorti hija persważa li l-attur kif assistit kien jaf li l-liġi Maltija tipprovdi għal proċedura partikolari sabiex jiġu prodotti provi minn parti f'kawża wara l-għeluq tal-provi, proċedura illi l-attur injora kompletament u, minflok, qabad u ppreżenta dawn id-dokumenti man-nota ta' sottomissjoni tiegħu, b'sorpriża kbira għal kontro-parti li la kienet taf li ser isir hekk, u wisq anqas kellha l-opportunità li tirribatti dawn il-provi. Għalhekk żgur li l-qorti ma tistax tieħu qies ta' dawn il-provi fl-apprezzament tagħha.

»Jirrizulta però, fir-rapport maħluf tal-perit mediku l-Konsulent Josanne Aquilina, li l-attur kien *sales manager* imbagħad sussegwentement *marketing consultant*.

»F'dawn iċ-ċirkostanzi, għalhekk, il-qorti hija kostretta tagħmel il-kalkolu tagħha *arbitrio boni viri* ibbażat fuq id-doppju tal-paga nazzjonali minima, li fis-sena 1994, skont il-Ligi Sussidjarja 452.71, kienet fl-ammont ta' tmienja u tmenin euro punt tnejn u tmenin ċenteżmu (€88.82) fil-gimgħa, *cioè* erbat elef, sitt mija u tmintax-il euro punt erbgħa u sittin ċentezmu (€4,618.64) fis-sena, *cioè* għal disat elef, mitejn u sebgħa u tletin euro punt tmienja u għoxrin ċenteżmu (€9,237.28) fis-sena.

»Dan l-ammont huwa ferm anqas mill-medja tal-introjtu tal-attur li l-intimat jaċċenna għalih fin-nota tas-sottomissjonijiet tiegħu.

»*Multiplier*:

»Il-*multiplier*, hekk kif stabbilit fil-ġurisprudenza nostrana, huwa fattur diskrezzjonali. Fil-fatt il-*multiplier* li jiġi adoperat mill-qrati jvarja … … …

»Għalhekk fid-dawl tal-ġurisprudenza ċċitata, il-qorti, fil-kawża fl-ismijiet preċitati ta' George Spiteri *v.* Raymond Fava[1], użat is-segwenti *chart*:

| »Età tal-vittma | *Multiplier* massimu |
|---|---|
| » 0 - 15 | 35 |
| »16 - 20 | 33 |

[1] »Ċitazz. nru 484/2008«

| | |
|---|---|
| »21 - 25 | 30 |
| »26 - 30 | 27 |
| »31 - 35 | 22 |
| »63 - 40 | 18 |
| »41 - 45 | 14 |
| »46 - 50 | 11 |
| »51 - 55 | 8 |
| »56 | 6 |

»Il-qorti ma jidhrilhiex li għandha tiddipartixxi mill-prinċipji delineati fis-sentenza Spiteri *v.* Fava hawn fuq ċitati, u għalhekk tqis illi fil-kawża odjerna il-*multiplier* ta' 27 għandu jiġi adoperat.

»Komputazzjoni

| | |
|---|---|
| »€ 9,237.28 × 27 = | € 249,406.56 |
| »€ 249,406.56 × 25% = | € 62,351.64 |

»Fid-dawl tas-sentenza fl-ismijiet Joseph Caruana *v. Philip Chircop and Sons Limited et* deċiża minn din il-qorti diversament presjeduta fis-6 ta' Lulju 2011 u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' April 2015, il-qorti tagħraf li ma' dan l-ammont għandha tiżdied is-somma ta' tliet mija u tliet euro punt tmienja u sebgħin ċenteżmu (€303.78) fis-sena, bħala żieda għall-għoli ta' ħajja. Għalhekk, adoperat *multipier* ta' 27, għandha tiżdied is-somma ta' tmint telef, mitejn u tnejn euro punt sitt ċenteżmi (€8,202.06).

»Tnaqqis tal-*lump sum payment*:

»Din is-sentenza qed tingħata kważi għoxrin sena wara l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, u *circa* dsatax-il sena wara li ġew intavolati l-proċeduri. Fid-dawl ta' dan, u in linja mas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Superjuri fl-ismijiet Joseph Zammit *et v.* Duncan Galea *et* deċiża fis-26 ta' Ġunju 2015, din il-qorti m'hijiex sejra tagħmel tnaqqis tal-*lump sum payment.*

»Għalhekk l-ammont dovut komplessivament lill-attur huwa fis-somma ta':

| | |
|---|---|
| »*Damnum emergens* | € 5,092.95 |
| »*Lucrum cessans* | € 62,351.64 |
| »Żieda għoli tal-ħajja | € 8,202.06 |
| »Total | € 75,646.65 |

»Għal dawn il-motivi, il-qorti taqta' u tiddeċiedi billi … tilqa' t-talbiet kollha tal-attur u konsegwentement tiddikjara lill-konvenut respons-abbli għad-danni sofferti mill-attur, tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attur fl-ammont ta' ħamsa u sebgħin elf, sitt mija sitta u erbgħin euro punt ħamsa u sittin ċenteżmu (€75,646.65) u tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur l-istess somma ta' ħamsa u sebgħin elf, sitt mija sitta u erbgħin euro punt ħamsa u sittin ċentezmu (€75,646.65), bl-imgħax legali dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

»L-ispejjeż kollha għandhom ikunu a karigu tal-konvenut.«

7. Il-konvenut appella b'rikors tal-14 ta' Ġunju 2017. L-attur wieġeb, b'appell inċidentali, fil-31 t'Awissu 2017, u l-konvenut wieġeb għall-appell inċidentali fil-5 ta' Jannar 2013.

8. Fit-tweġiba l-attur ressaq eċċezzjoni ta' irritwalità tal-appell għal raġunijiet li fissirhom hekk:

> »Ir-rikors tal-appell tal-konvenut ma kellux jiġi ppreżentat f'ismu *stante* li Dominic Humphreys ilu assenti minn Malta diversi snin, u għalhekk ir-rikors tal-appell kellu jiġi ppreżentat mill-persuna li qiegħda taġixxi għan-nom tiegħu bħala mandatarja.«

9. Mix-xiehda ħareġ illi l-konvenut joqgħod fir-Renju Unit. Fiż-żmien meta ġie preżentat ir-rikors tal-appell – l-14 ta' Ġunju 2017 – ir-Renju Unit kien għadu jifforma parti mill-Unjoni Ewropea. Il-konvenut għalhekk kien joqgħod fl-ispazju ġudizzjarju ewropew u ma jistax jitqies li hu assenti.

10. L-eċċezzjoni hija għalhekk miċħuda.

11. Billi l-appell ewlieni tal-konvenut jolqot primarjament ir-responsabilità, il-qorti sejra tgħaddi issa tqis l-appell ewlieni dwar responsabilità qabel dak inċidentali, li jolqot il-likwidazzjoni tad-danni u l-isfilz ta' dokumenti li għandhom relevanza għal-likwidazzjoni.

12. L-aggravji tal-appell ewlieni ġew imfissra hekk:

> »L-aggravju tal-appellanti huwa ċar u manifest u jikkonsisti fil-fatt illi l-ewwel qorti għamlet apprezzament ħażin kemm tal-liġi kif ukoll tal-fatti.
>
> »… … …
>
> »Sabiex l-azzjoni attriċi seta' jkollha eżitu favorevoli għall-attur, huwa kellu jipprova n-ness bejn il-kawża u l-effett. Ried jipprova, fi kliem ieħor, l-ewwel nett illi l-kawża ta' diżabilita' minnu reklamata kienet unikament ikkawżata mill-aġir tal-konvenut appellant.
>
> »In omaġġ għal dan il-prinċipju, u billi il-każ jirrigwarda allegat ħsara fl-għonq ta' individwu, l-ewwel qorti kellha n-neċessità tal-għajnuna; hija għalhekk ħatret espert mediku tagħha sabiex, wara li eżaminat lill-attur u

rat x'għandhom xi jgħidu il-partijiet, għamlet il-konstatazzjonijiet relattivi tagħha.

»Il-qorti hatret lill Dr Josianne Aquilina għal dan l-iskop. Il-konklużjonijiet mediċi li waslet għalihom l-istess espert mediku huma li huma u ħadd ma jista' jmerihom.

»Skond l-istess relazzjoni medika irriżulta illi (1) l-attur qed ibati minn disabilità permanenti ta' 25%, (2) illi l-kura mogħtija mill-konvenut kienet terapija "alternattiva" u mhiex konvenzjonali, (3) fil-qasam tas-saħħa l-opinjoni ta' jekk din it-tip ta' terapija hijiex indikata u jekk taħdimx f'dawn il-każijiet hija kontroversjali, (4) l-evalwazzjoni li għamel l-esponenti appellant dwar il-kondizzjoni klinika tal-attur kienet korretta u taqbel ma' dik iddokumentata fl-isptar, (5) ma hemmx dokumentat li l-esponenti iddiskuta mal-attur il-benefiċċji *versus* ir-riskji tat-trattament li intuża, (6) jekk is-*cervical disc herniation* tal-attur ħżinitx wara t-trattament mill-esponenti "huwa impossibblili jiġi definit oġġettivament fin-nuqqas ta' *MRI scan* tal-ispina ċervikali qabel u wara t-trattament. Is-sintomi tiegħu kienu ta' ugigħ qawwi qabel u anki wara it-trattament".

»Skond kif irriteniet ukoll l-ewwel qorti ''però kif jirrelata l-perit legali, għalkemm din ir-relazzjoni kienet ferm esawrjenti, ftit tgħin sabiex jiġi stabbilit in-ness kawżali bejn id-danni sofferti mill-attur u l-aġir tal-konvenut".

»*Nonostante* dan li għadu kemm ġie ikkwotat mill-istess sentenza, u *nonostante* l-konklużjoni tal-espert mediku fejn irriteniet li l-evalwazzjoni li għamel l-appellanti dwar il-kondizzjoni klinika tal-attur kienet korretta u taqbel ma' dik iddokumentata fl-isptar u huwa impossibbli li jiġi definit oġġettivament jekk is-*cervical disc herniation* tal-attur ħżinitx wara t-trattament mill-appellanti u s-sintomi tiegħu kienu ta' uġigħ qawwi kemm qabel kif ukoll wara t-trattament, fl-0istess nifs l-istess qorti tirritjeni hekk: "F'dan ir-rigward il-qorti taqbel ma' u tagħmel tagħha l-konklużjonijiet tal-perit legali illi mill-assjem tal-provi jirriżulta n-ness kawżali bejn id-danni subiti mill-attur u l-aġir tal-konvenut". Il-qorti kwindi tiskarta dak li qaltilha l-espert tagħha stess u straħet sempliċement fuq indikazzjoni ġenerika u mingħajr konstatazzjoni fattwali (qabel u wara t-trattament) tat-tabib Anthony Galea Debono, li huwa il-konsulent *ex parte* tal-attur appellat.

»Għall-appellanti huwa inawdit illi qorti, filwaqt li tabbraċċja dak li qal u ikkonferma bil-ġurament tagħha l-konstatazzjonijiet u konklużjonijiet ta' natura teknika tal-espert mediku minnha mqabbad, fl-istess ħin tiskartah u tabbraċċja dak li ma jikkostitwixxi xejn aktar minn sempliċi aċċenn ġeneriku tal-konsulent mediku *ex parte*. Issir riferenza għall-hekk imsejjaħ rapport ta' Dr Galea Debona li huwa kompost minn żewġ sentenzi biss u f'ebda parti minnhom ma jirriżulta li hu kien stabbilixxa bħala fatt la l-kawża jew kawżi tad-disabilità tal-attur u lanqas l-istat attwali tal-attur appellat qabel ma mar għand il-konvenut appellant u wisq anqas wara.

»Mill-konklużjonijiet raġġunti mill-esperta medika mqabbda mill-qorti, li ma għandha minn ebda wieħed mill-partijiet – u huwa preċiżament għalhekk li jitqabbad espert mediku mill-qorti, sabiex ikun assolutament imparzjali u indipendenti mill-istess partijiet – ċertament li wieħed ma jistax jistabbilixxi oġġettivament illi dak li għamel il-konvenut appellant kien il-kawża tad-disabilità permanenti li minnha beda jsofri l-attur appellat. Ġie aċċettat mill-ewwel qorti illi l-attur kellu uġigħ minn qabel ma ġie trattat mill-konvenut. Flok baqa' l-isptar fejn kien daħal ġimgħa qabel ma ivvisita lill-konvenut u fejn seta' jkollu trattament tajjeb, l-appellat qabad u ħareġ

mill-isptar minjeddu. Flok ma qagħad ġewwa l-isptar jistenna li jitjieb, huwa għażel li jitlaq 'il barra. Ċertament illi t-tluq mill-isptar, minjeddu, ma għenx lill-attur appellat.

»Kif tgħallem dejjem din il-qorti, u kif gie ripetutament ritenut, il-konklużjonijiet ta' perit tekniku huma prattikament vinkolanti fuq il-qorti – kuntrarjament għal perizja legali fejn allura l-perit legali jkun ikkonsidrat li qed jagħti parir legali lill-qorti li tista' tabbraċċjah jew tinjorah. Il-konklużjonijiet ta' perit tekniku, mediku f'dal-każ, huma wkoll parir lill-qorti, iżda l-portata tagħhom għandu valur għoli ħafna, proprju minħabba li huma ibbażati fuq konstatazzjonijiet ta' natura prettament teknika (f'dan il-każ fil-qasam mediku) u mhux ta' natura legali.

»Biex il-qorti tista' tinjora tali konklużjonijiet li jkun wasal għalihom l-espert hi trid tkun konvinta mod ieħor. Il-konvinzjoni tagħha trid tkun waħda motivata sew għax tkun qed tinnewtralizza l-parir tekniku li jkun ingħatalha.

»X'seta' kien hemm li qal it-tabib Anthony Galea Debono li ikkonvinċa lill-qorti li saħasitra mhux biss tinjora l-konklużjonijiet mediċi tal-espert imqabbda minnha stess iżda li addirittura taqleb u tasal għal konklużjoniet kuntrarji? Jidher li dak li wassal lill-qorti biex tagħmel dan kien dak li qal l-istess tabib Galea Debono u *cioè* meta l-qorti qalet "l-istess Professur (Galea Debono) ikkonferma illi l-manipulazzjoni eżerċitata fuq l-attur mill-konvenut kienet assolutament kontro-indikata fiċ-ċirkostanzi". Apparti li l-istess espert mediku lanqas biss ma qabel ma' dak li kienet l-unika indikazzjoni mressqa minn Dr Galea Debono, huwa lanqas biss ma mqar jgħid li kien f'pożizzjoni li jindika l-istat tal-appellat *pre* u *post* it-trattament.

»L-istess konklużjonijiet mediċi tat-tabib Galea Debono kienu a konoxxenza tal-espert imqabbad mill-qorti u din ma waslitx għall-konklużjonijiet li wasal għalihom Dr Galea Debono. Anzi hija waslet għall-konklużjoni illi ma jistax jiġi stabbilit ness kawżali bejn id-danni sofferti mill-attur u l-aġir tal-konvenut. Allura raġonevolment l-appellanti jistaqsi "kif setgħet l-ewwel qorti tasal għall-konklużjoni tagħha li hemm ness tal-kawżali bejn it-terapija tal-konvenut fuq għonq l-attur u d-danni minnu subiti?".

»La darba l-attur kien qed isofri minn disabilità preċedenti għal dik li huwa jallega li beda jsofri minnha wara t-trattament *da parte* tal-appellanti u la darba tali kawża ma kinetx kwantifikata u ma setgħetx tiġi kwantifikata, kif jista' wieħed jasal biex jirritjeni illi tali disabilità żdiedet b'dak li għamel l-appellanti u f'każ affermattiv il-perċentwali attwalment miżjud għal dik ġà eżistenti?

»Kif ġie ritenut fil-kawzi Anthony Cauchi *v.* Carmel *sive* Charles Mercieca, deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru 1999, John Saliba *v.* Joseph Farrugia deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Jannar 2000, Joseph Calleja *v.* John Mifsud deċiża wkoll mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta' Novembru 2001 u Richard Falzon *v. Construct Furniture Limited* deċiża fis-7 ta' Diċembru 2006 il-konstatazzjonijiet tal-perit tekniku, partikolarment mediku, kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tiegħu jikkostitwixxu, skond il-liġi, prova ta' fatt li għandhom, bħala tali, jiġu meqjusa bħala stat ta' fatt mill-qorti. Ma jistgħux, fi kliem ieħor, jiġu injorati jew addirittura, bħal fil-każ in eżami, jinqalbu u jiġi ritenut eżattament l-oppost! Bir-rispett kollu lejn l-ewwel qorti, il-konklużjonijiet tagħha illi l-konvenut appellant naqas fil-ħila, diliġenza u prudenza hija għal kollox konklużjoni gratuwita u żbaljata li ma tagħmel ebda sens fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ.

Illi kif tajjeb għallmet il-Qorti tal-Appell fil-kawza Benjamin Camilleri *nomine v.* Charles Debattista *nomine* deċiża fi-d9 ta' Frar 2001 "F'ċirkostanzi bħal dawn ikun prużuntuż għall-ġudikant illi jiddipartixxi bla raġuni verament valida mir-relazzjoni peritali. Dan mhux biss għax ma kellux il-mezzi għad-disposizzjoni tiegħu biex serenament jinoltra ruħu mill-aspetti tekniċi tal-mertu, imma ukoll għaliex neċessarjament tkun tonqsu dik il-konoxxenza meħtieġa biex, b'mod kritiku, jasal għal konvinċiment divers minn dak li jkunu waslu għalih l-esperti minnu nominati". Mela ir-raġuni li qorti jrid ikollha biex tista' validament tiddipartixxi mill-konklużjonijiet raġġunti mill-espert tekniku minnha mqabbda jridu jkunu "verament validi". Ma rriżultawx raġunijiet verament validi biex isostnu t-teżi tal-ewwel qorti.

»Biex imħallef jista' jasal biex jinjora tali konklużjonijiet ta' natura teknika wieħed irid jasal biex jgħid illi tali konklużjonijiet huma fallaċi u irraġonevoli – hekk ġie ritenut mill-Qorti tal-Appell fil-kawza Ġiswarda Bugeja *et v.* Emmanule Muscat deċiża fil-23 ta' Ġunju 1967.

»Wieħed hawn ma jridx jinsa illi l-attur appellat, wara il-konferma bil-ġurament tar-relazzjoni peritali, ma talabx in-nomina ta' periti addizzjonali. Kwindi lanqas ma ġew nominati esperti addizzjonali li setgħu potenzjal-ment jissuffragaw l-allegazzjonijiet attriċi.

»Ma tirriżulta ebda prova li minnha wieħed jista' raġonevolment jik-konkludi illi dak li esegwixxa il-konvenut ma kienx indikat – infatti l-evalwazzjoni klinika tal-konvenut appellant kienet korretta u taqbel ma' dik iddokumentata fl-isptar. L-appellant straħ fuq dak li qallu l-attur meta dan wieġbu li mill-*X-rays* li sar fl-isptar ma irriżulta xejn. Kien dover tal-attur illi jinforma korrettement lill-konvenut dwar ir-riżultat tal-*X-eays* li sar fl-isptar.

»L-espert imqabbad mill-qorti tagħmilha ċara illi hija ma tistax tasal b'ċertezza jekk il-kondizzjoni tal-attur ħżinitx wara t-trattament tal-konvenut u dan għar-raguni illi ma sarx *MRI scan* tal-ispina ċervikali qabel u wara t-trattament. L-attur mar għand il-konvenut wara li kien għadda ġimgħa fl-isptar fejn kien muġugħ immensament u spiċċa biex iddisċargja lilu innifsu u ma ġiex mibgħut mill-isptar.

»Dawn l-eżamijiet (*MRI scans*), kieku saru, ma kien ikollhom ebda effett fuq il-kondizzjoni tal-attur – la kienu jtejbuha u lanqas jippeġġorawha. Kienu biss jistabbilixxu l-grad ta' disabilità li minnha kien ikun qiegħed isofrii l-attur u għalhekk, kieku saru ż-żewġ *scans*, wieħed kien ikun jista' jara jekk il-kondizzjoni tal-appellat ħżenitx b'riżultat tat-trattament mogħti mill-appellant lill-attur.

»Jirriżulta ammess mill-attur appellat stess li kien f'kondizzjoni serjissima qabel ma ġie trattat mill-appellant – altrimenti ma kienx jirrikovera ruħu fl-isptar fejn dam ġimgħa; ma kienx ikun muġugħ bil-mod li hu qal li kien muġugħ; ma kienx imur għal trattament għand l-appellant.

»Ħadd ma jaf x'kienet il-perċentwali tad-disabilità tal-appellat qabel it-trattament. Li hu żgur hu li kien malandat sew. Lanqas ħadd ma jaf jekk bit-trattament li għamel l-appellant il-kondizzjoni tal-attur ħżinietx, baqgħetx l-istess jew tjebitx. It-tabib Galea Debono, li fuqu donnha straħet l-ewwel qorti, indika biss li, fil-fehma tiegħu, iżda kuntrarjament għal dak indikat mill-esperta tal-qorti, il-manipulazzjoni li għamel l-appellanti kienet kontro-indikata; ma qalx u ma setax jgħid illi il-grad ta'

disabilità tal-appellat ħżienet b'riżultat ta' tali manipulazzjoni. F'dan ir-rigward ma seta' jgħid xejn.

»L-ewwel qorti abbraċċjat il-konklużjoni tal-espert legali tagħha. Dan sab nuqqas fl-aġir tal-appellant billi ikkonsidra illi bil-fatt li ma rax l-*X-rays* li· issottometta għalihom l-attur meta kien fl-isptar u qagħad fuq il-kelma tal-attur, bil-fatt li ma qalx lill-attur bil-possibbli konsegwenzi tat-trattament u bil-fatt li ma waqqafx it-trattament u ma irreferihx għand speċjalista, huwa kien negliġenti fl-eżerċizzju tal-professjoni tiegħu.

»L-appellanti jissottometti li huwa seta' faċilment joqgħod fuq il-kelma tal-attur li mill-imsemmija *X-rays* ma irriżulta xejn. L-appellat kien ikun miġnun li jgħid kelma b'oħra lil dak li mar għandu biex jgħinu. L-appellat, fi kliem ieħor, ma kellu l-ebda interess li jigdeb dwaru innifsu – *se mai* kellu kull interess li jgħidlu il-verità biex l-appellant seta' jgħinu. L-attur mhux xi persuna illitterata – huwa *manager/marketing consultant*. L-appellat kellu kull interess illi jgħid il-verità kollha lill-appellant dwar il-kondizzjoni medika tiegħu u kwindi l-appellant kien perfettarnent korrett illi joqgħod fuq dak li qallu l-attur. *Del resto* kulħadd jaf illi esposizzjoni għal *X-rays* meta ma hemmx bżonnhom ma humiex konsiljabbli għax jesponu l-persuna ta' dak li jkun inutilment għar-raġġi. Għalhekk ma hemm ebda nuqqas *da parte* tal-appellanti għall-fatt li straħ fuq dak li qallu l-appellat innifsu.

»L-appellanti seta' jkun konsidrat negliġenti kieku l-appellat tah x'jifhem li meta kien l-isptar it-tobba tawh xi indikazzjoni negattiva jew illi l-*X-rays* kienu jindikaw irnqar xi ħaġa, *se pure* forsi li ma kienx ikun kapaċi jispjegaha, u jibqa' għaddej bħallikieku xejn. Hemm iva isegwi li l-appellanti kien ikun pjuttost negliġenti, iżda fiċ-ċirkostanzi preżenti, fejn kollox kien qed jindika illi l-appellat kien bħal kwalsiasi pazjent ieħor, l-appellanti ma jħossx li huwa kien b'xi mod f'xi grad negliġenti.

»Wieħed hawn ma jridx jinsa, bażat fuq il-ġurisprudenza tagħna, illi t-tip ta' negliġenza li tista' tinstab bħala tort fuq professjonista hija negliġenza grossa u mhux negliġenza *lieve*.

»L-esponenti jagħmel riferenza għal xi kawżi li gew deċiżi mill-qrati tagħna u għal xi awturi in konnessjoni mal-mandat li jingħata pro-fessjonista meta jaċċetta inkarigu.

»F'dan ir-rigward l-appellanti jgħid illi r-relazzjoni bejn professjonista u klijent/pazjent hija waħda pjuttost *sui generis* iżda tixbah dik tal-mandat. Professjonista, bħal tabib, avukat jew perit jagħti servizz. Huma jintrabtu li jagħtu servizz skond l-aħjar abbilità tagħhom.

»Il-qrati tagħna, fil-kawza <u>Perit Alexander Bezzina *et v* Josephine Mizzi</u> deċiża minn din il-qorti fit-3 ta' Ottubru 2003, irriteniet illi

> »"Kuntrattur imqabbad biex jibni dar irid jikkompleta l-inkarigu tiegħu b'suċċess għax altrimenti jkun responsabbli għad-danni; iżda avukat li jitlef kawża jew tabib li jmutlu pazjent mhux responsabbli għad-danni diment li jkun aġixxa skond in-normi stabbiliti fil- professjoni rispettiva … … …"

»Hekk ukoll insibu fil-*Manuale di Diritto Civile e Commerciale,* Milano 1954, Vol. IV, paġna 241:

> »"Se la prestazione dell'opera implichi la soluzione di problemi tecnici di speciale difficoltà, il prestatore risponde dei danni alle

> cose o alle persone, nell'esercizio del/'incarico affidatogli, ma soltanto nel caso di dolo o di copa grave … … …"

»Fil-kawża fl-ismijiet Victor Savona *v.* Dr Peter Asphar deċiża minn din il-qorti fit-2 ta' April 1951, jingħad illi:

> »L-iżball fl-interpretazzjoni tal-fatti kliniċi ma għandux jirrendi t-tabib jew kirurgu responsabbli għall-konsegwenzi tagħhom.
>
> »"Żbalji jistgħu jittieħdu u fil-fatt jittieħdu; u kien ikun gwajj sewwa kieku l-professjonista kellu jirrispondi għal kull żball li jieħu għaliex ma jirnexxilux jiġġudika nettament; imma għandha ssir distinzjoni bejn l-iżball li jittieħed għal raġunijiet indipendenti mill-volontà u mill-aġir ta' min jieħdu u meta żball jittieħed minħabba xi mankanza f'min jieħu dak l-iżball. F'dan l-aħħar każ, min jieħu l-iżball ikun in kolpa minħabba dik il-mankanza tiegħu, li mingħajru x'aktarx li l-iżball ma kienx jittieħed; u allura huwa jirrispondi għall-konsegwenzi ta' dak li jkun ittieħed minnu u bi ħtija tiegħu. Jekk, per eżempju, tabib jew kirurgu jaqa' f'errur ta' ġudizzju u jiżbalja wara li jkun eżamina sewwa l-każ ta' quddiemu u jkun għamel il-possibbli kollu biex jistudja u jagħarfu, allura ċertament l-ebda responsabilità professjonali ma jista' jkollu għall-konsegwenzi; imma għall-kuntrarju, jekk l-iżball jieħdu għaliex ma jkunx eżamina l-każ kif imissu, u l-eżami jsir b'negligena, allura huwa responsabbli għall-konsegwenzi tal-iżball tiegħu. … … … Mid-duttrina u mill-ġurisprudenza fuq ċitata għandu jiġi ritenut li tabib mhux tenut għad-danni riżultanti minn żball professjonali, *ammenoché* dan l-iżball ma jkunx grossolan u *ammenoché* l-ħsara ma tistax tiġi lilu addebitata minħabba nuqqas ta' prudenza, diliġenza u attenzjoni ta' *bonus paterfamilias.*"

»Giorgi jgħid:

> »"Non può annoverarsi fra le colpe l'errore professionale, quello cioè che dipende dall'incertezza e dall'imperfezione dell'arte, non da negligenza o incapacità di chi lo esercita."

» Fil-kawza fl-ismijiet Barbara *v.* Notaro Vella (Vol XXVII-i-262) ġie ritenut illi:

> »"Għalkemm *imperitia culpæ adnumeratur* iżda irid jkun pruvat, b'mod soddisfacenti, li l-professjonista mhux biss ha żball, *ammenoché* dan ma jkunx grossolan, imma biex jasal għall-konklużjoni tiegħu ma użax id-diliġenza li trid il-liġi."

»L-ewwel qorti tirritjeni illi l-appellanti messu ikkonsulta mal-*X-rays* u r-rapport tar-radjologu qabel ma għamel it-trattament tiegħu ġaladarba t-trattament seta' kien kontro-indikat. Fil-fatt l-espert medika mqabbda mill-qorti ma tgħidx li t-trattament kien kontro-indikat. Hija tgħid illi fil-qasam tas-saħħa l-opinjoni ta' jekk din it-tip ta' terapija hijiex indikata u jekk taħdimx f'dawn il-każijiet hija kontroversjali; tgħid ukoll illi l-evalwazzjoni li għamel l-appellanti dwar il-kondizzjoni klinika tal-appellat kienet korretta u taqbel ma' dik iddokumentata fl-isptar; tgħid fl-aħħarnett illi jekk is-*cervical disc herniation* tal-appellat ħżinitx wara t-trattament mill-esponenti "huwa impossibbli li jiġi definit oġġettivament fin-nuqqas ta' *MRI scan* tal-ispina ċervikali qabel u wara t-trattament. Is-sintomi tiegħu kienu ta' ugigħ qawwi qabel u anki wara t-trattament". Isegwi allura illi, kuntrarjament għal dak li ġie ritenut mill-ewwel qorti, ma tista' tiġi addebitata ebda negliġenza, imprudenza u *disattenzione* fl-eserċizzju tal-professjoni tal-appellanti, ebda *culpa* ma tista' tirriżulta kontra tiegħu.

»Meta l-ewwel qorti abbraċċjat il-konklużjonijiet tal-perit legali tagħha hija allura qablet ukoll mal-parti tal-perizja legali li tgħid illi “mhux eskluż illi l-attur seta’ kellu persentaġġ ta’ disabilità; definittivament, però, din ma tirriżultax u, jekk seta’ kellu, hija biss ipotesi, u mhux magħruf l-estent tagħha”.

»… … … din hija konklużjoni sempliċistika għall-aħħar. Bil-mod kif iddes-kriva l-ugigħ li kellu l-appellat, bil-fatt li għadda ġimgħa l-isptar, bil-fatt li ma ntbagħatx (*discharged*) mill-isptar, iżda telaq minn rajh, bil-fatt li mar immedjatament għand l-appellant għax ma setax joqgħod bl-ugigħ – dan kollu jfisser illi l-appellat kellu diġà grad ta’ disabilità. Dak l-ugigħ insop-portabbii li l-appellat jgħid li kien qed isofri ma setax ħallieh ħieles.

»Għalhekk *ai termini* tas-suespost jiġi sottomess illi l-appellanti ma għandux jinstab responsabbii għad-danni reklamati mill-appellat kemm minħabba li ma ġiex pruvat li t-terapija esegwita mill-konvenut appellanti aggravat l-istat ta’ saħħtu kif ukoll peress illi ma ġietx stabbiiita l-kon-dizzjoni tal-attur qabel u wara t-trattament, apparte wkoll il-fatt illi l-appellat kien sussegwentement issottometta ruħu għal żewġ oper-azzjonijiet li setgħu wkoll kellhom effett fuq l-istat ta’ saħħa tiegħu. Huwa prinċipju stabbilit fis-sistema ġuridika tagħna li huwa l-attur li jrid jipprova l-każ tiegħu u ċertament ma jirriżulta la li t-terapija esegwita mill-appellanti attwalment kienet il-kawża tal-istat tiegħu illum u lanqas ma ġie pruvat l-istat tiegħu qabel tali terapija.

»Mingħajr preġudizzju għal dak premess, f’każ li din il-qorti ta’ reviżjoni tiskarta dak kollu hawn fuq sottomess u tasal għall-istess konklużjoni li waslet għaliha l-ewwel qorti, hija trid tara x’kumpens għandu jingħata lill-appellat u kwindi trid tasal l-ewwel nett għall-grad ta’ disabilità li minnu qed isofri l-appellat li huwa direttament riżultat tal-aġir tal-appellanti. Huwa l-appellat li jippretendi li jiġi risarċit mill-appellant u għalhekk kien dover tal-appellat li jipprova l-grad ta’ disabilità li fih poġġih l-appellanti.

»Hawn mhux *si tratta* illi l-qorti tista’ tasal għal xi perċentwali *arbitrio boni viri*. Hawn qed nittrattaw bil-ħajja tan-nies u għalhekk il-grad ta’ disabilità li minnha qed isofri l-appellat b’riżultat tal-aġir tal-appellant, dejjem jekk ikollu jiġi ritenut illi huwa responsabbli b’xi mod, trid tiġi iffissata b’mod xjentifiku u b’ebda mod ieħor. Ebda *arbitrio boni viri* ma japplika għal dan il-każ.

»Irriżulta li it-tabib espert imqabbda mill-qorti ikkonfermat bl-aktar mod ċar illi ma tistax tasal għal dan il-grad. Anzi – u hawn tigi kwotata l-istess espert tekniku, fejn hija qalet espressament hekk: ‘‘jekk is-cervical *disc herniation* ta’ Mr Greċh ħżinitx wara t-trattament ta’ Mr Humphreys huwa impossibbli li jiġi definit oġġettivament fin-nuqqas ta’ *MRI scan* tal-ispina ċervikali qabel u wara t-trattament. Is-sintomi tiegħu kienu ta’ uġigħ qawwi qabel u anki wara t-trattament. Mr Grech però jallega li s-sintomi tiegħu ħżienu ħafna aktar immedjatament wara l-ewwel manipulazzjoni tal-għonq”.

»La darba l-espert imqabbda minn din il-qorti ikkonfermat illi huwa impossibbli li jiġi definit oġġettivament jekk il-kondizzjoni tal-appellat ħżenitx wara t-trattament mill-appellant, il-qorti ma tistax tistrieħ fuq dak li jgħid l-appellat. Fil-fatt huwa ovvju illi l-appellat għandu kull interess li jindirizza l-ilment tiegħu kontra l-appellant. It-test li messha għamiet l-ewwel qorti u li ma għamlitux u kwindi, in tali mankanza, it-test li trid tagħmel din il-qorti ma jistax ikun wieħed soġġettiv iżda neċessarjament irid ikun wieħed oġġettiv. Dan it-test irid jkun wieħed neċessarjament

oġġettiv u, kif qalet korrettement l-espert infisha, ma jistax jiġi definit oġġettivament illi it-tort huwa tal-appellant. Biex tista' tasal għal evalwazzjoni aħħarija hemm il-ħtieġa ta' *MRI scan* kemm qabel kif ukoll wara – liema eżamijiet ma sarux u allura ma hemm ebda riżultat li jista' jgħin lill-qorti biex isir l-eżami komparattiv.

»… … …«

13. L-attur wieġeb hekk:

»… … …

»Il-valutazzjoni magħmula mill-ewwel qorti meta straħet fuq dak li qal Dr Anthony Galea Debona dwar il-konsegwenzi tat-trattament mill-*chiro-practor* Dominic Humphreys fuq l-attur

»Meta l-konvenut semma dan l-aggravju ħarab milli jgħid illi Dr Anthony Galea Debono (l-espert *ex parte*) mhux biss irrilaxxja rapport mediku, iżda wkoll ġie prodott bħala xhud fil-kawża u fix-xiehda tiegħu ikkonferma li t-trattament mogħti mill-*chiropractor* kien "kontro-indikat". Il-konvenut ipprova jagħti l-impressjoni li Dr Anthony Galea Debono sempliċement ħareġ ċertifikat u l-konvenut jipprova jiddenigrah billi jgħid:

> »"Issir riferenza għall-hekk imsejjaħ rapport ta' Dr Galea Debono li huwa kompost minn żewġ sentenzi biss u f'ebda parti minnhom ma jirriżulta li hu kien stabbilixxa bħala fatt la l-kawża jew kawżi tad-disabilità tal-attur u lanqas l-istat attwali tal-attur apellat qabel ma mar għand il-konvenut appellant u wisq anqas wara."

»Il-konvenut *chiropractor* jipprova 'jarmi' r-rapport mediku tal-konsulent newrologu Dr Anthony Galea Debono, bħallikieku l-*chiropractor* qiegħed f'posizzjoni li jikkontesta l-opinjoni esperta ta' *consultant neurologist* ta' esperjenza bħal Dr Anthony Galea Debono! L-espert *ex parte* iddikjara ċar u tond illi l-manipulazzjoni magħmula mill-konvenut kienet "kontro-indikata". Kontro-indikata tfisser li, ġaladarba ssir, tikkawża ħsara, għax tkun tammonta għal trattament ħażin. Għalhekk, kif sewwa rrimarkat l-ewwel qorti:

> »"F'dan ir-rigward il-qorti taqbel ma' u tagħmel tagħha l-konkluż-jonfjiet tal-perit legali illi mill-assjem tal-provi jirriżulta n-ness kawżali bejn id-denni subiti mill-attur u l-aġir tel-konvenut; u dan speċjalment *in vista* tal-ċertifikat tal-Protessur Galea Debono u x-xiehda tiegħu tas-6 ta' Ġunju 2003, fejn l-istess professur ikkon-ferma illi l-manipulazzjoni eżerċitata fuq l-attur mill- konvenut kienet assolutament kontro-indikata fiċ-ċirkostenzi. Kif jirrelata l-perit legali, hija biss ipoteżi illi l-attur kien diġà kellu grad ta' diżabbilità qabel ma ħa t-trattament in kwistjoni mingħand il-konvenut, u dan billi la hemm provi fuq l-eżistenza ta' tali diżabbilità pre-datata għat-trattament in kwistjoni, u wisq anqas l-estent tagħha."

»Għalhekk, l-aggravju tal-konvenut huwa bla bażi għaliex huwa msejjes fuq pura ipoteżi li ma ma ġietx ippruvata u li konsegwentement tibqa' pura konġettura. Fil-fatt, il-*herniated discs* ġew ikkawżati bit-trattament ħażin provdut mill-konvenut mingħajr l-ebda rapport ta' radjologu. Barra minn hekk, il-konvenut stess jammetti illi l-kundizzjoni tal-attur kienet qiegħda tippeġġjora u mhux timmeljora, u b'danakollu kompla jagħti l-istess trattament ħażin u kontro-indikat lill-attur. Anke meta ra lill-attur *in agony*

bl-uġigħ, huwa baqa' jħossu kunfidenti li l-għażla tiegħu li jmexxi bil-manipulazzjoni kienet tajba. Dawn huma provi inkontrovertibbli ta' nuqqas ta' ħila fl-eżerċizzju tas-sengħa jew professjoni u ta' ras iebsa fl-għażliet żbaljati tiegħu. *Inoltre*, il-konvenut lanqas kien kapaċi jżomm mad-dettam illi jagħti lill-pazjent l-informazzjoni kollha neċessarja sabiex huwa jkun jista' jiddeċiedi jekk għandux jaċċetta t-trattament. U issa l-konvenut qed jipprova jwaħħal fl-attur minflok jagħmillu apoloġija talli rrovinalu ħajtu.

»Dr Anthony Galea Debono kien ċarissimu illi l-manipulazzjoni kienet kontro-indikata medikament. B'danakollu l-konvenut ma kienx lest jammetti dan u saħansitra kkontesta l-ħsara enormi li hu kien ikkawża lill-attur bil-manipulazzjoni eċċessiva u rigoruża tiegħu.

»Il-kundizzjoni tal-attur kwantu għal uġigħ qabel u wara t-trattament

»L-attur mar għand *chiropractor* biex itaffilu l-uġigħ mill-iskoss li kien ħa waqt logħba *squash* u mhux biex jirrovinalu l-*vertebrae* għal għomru. L-*injury* mill-i*squash* kien raha Dr Anthony Galea Debono inizjalment, li sab li kellu *whiplash* u kellu bżonn biss mistrieħ u jilbes kullar għal ħmistax-il ġurnata. Iżda l-attur kellu logħba oħra tat-*tournament* tal-i*squash* u għalhekk mar għand il-konvenut Dominic Humphreys bil-għan li jkun *fit* għal-logħba li jmiss, u mhux minħabba xi *excruciating pain*. Il-konvenut, li rriżulta wara li kien prużuntuż, l-ewwel ħaġa li qallu kienet biex ineħħi l-kullar. Imbagħad, mingħajr ma kkonsulta l-ebda *X-ray*, ipproċeda b'żewġ *sessions* kuljum ta' manipulazzjoni aggressiva fuq is-*cervical spine* tal-attur. Ir-riżultat ta' dina l-manipulazzjoni aggressiva sar magħruf wara, u l-attur kellu jiddaħħal l-isptar.

»Il-konvenut seta' jirrifjuta li jagħtih trattament iżda aċċettah bħala pazjent u beda t-trattament. Malli aċċetta li jibda t-trattament, il-konvenut ma jistax jgħid li d-diżabilità permanenti hija riżultat tal-iskoss waqt il-logħba *squash* biex jinħeba wara din l-iskuża. Raġuni waħda kien hemm għad-diżabilità permanenti li qed isofri minnha l-attur u din hija li l-konvenut għażel trattament li kien kontro-indikat, u dan qalu konsulent mewrologu ta' esperjenza (Dr Anthony Galea Debono) u kkonfermah bil-ġurament fix-xiehda tiegħu. Tal-istess fehma kien in-*neurosurgeon* li opera lill-attur fl-isptar gewwa r-Renju Unit.

»Agħar minn hekk, il-*chiropractor* għażel dan it-trattament fil-każ tal-attur Simon Grech mingħajr ma ra l-ebda *X-ray* tal-kolonna vertebrali tal-attur jew rapport ta' radjologu. *Imputet sibi*. Dan kollu ammettieh il-konvenut meta sarlu l-kontroeżami, li għalih qiegħda ssir riferenza minħabba l-importanza ta' dan il-kontroeżami għall-kawża kollha.

»Il-konvenut jipprova jgħatti x-xemx bl-għarbiel billi jgħid:

»1. li ma jirriżultax illi Dr Galea Debona "kien stabbilixxa bħala fatt la l-kawża jew kawżi tad-disabitità tal-attur u lanqas l-istat attwali tal-attur appellat qabel ma mar għand il-konvenut appellant u wisq anqas wara"; u

»2. li "wieħed ma jistax jistabbilixxi oġġettivament illi dak li għamel il-konvenut appellant kien il-kawża tad-disabilità permanenti li minnha beda jsofri l-attur appellat … l-attur kellu uġigħ minn qabel ma ġie trattat mill-konvenut".

»It-tweġiba hija sempliċi: li kieku l-konvenut ra *X-ray* tal-kolonna vertebrali tal-attur qabel ma beda t-trattament, (a) kien ikun jista' juri li d-diżabilità permanenti ma kkawżahiex hu iżda kienet hemm qabel ma beda t-

trattament; (b) kien ikun jaf permezz ta' *X-ray* (dan ikollu neċessarjament jigi prezunt) illi l-attur seta' tassew jibbenefika mit-trattament u mhux isofri tqarmiċ ta' wħud mill-*vertebrae* bit-trattament. Iżda, għall-kuntrarju, il-konvenut għażel li jibqa' fil-għama u li jibda t-trattament fuq l-attur, fi dlam ċappa. Kif qatt jista' jgħid li t-trattament ma kienx kontro-indikat, ladarba hu lanqas indenja jara *X-ray* tal-kolonna vertebrali? Issa jekk il-konvenut Dominic Humphreys qed jippretendi li tant huwa kompetenti li, eċċezz-jonalment, kapaċi jibda t-trattament bħallikieku qed jara b'għajnejh, allura jkollna ngħidu li l-konvenut qed jappella fuq bażi ta' paranormali. Il-konvenut kellu jkun matur bizzejjed biex jirrejalizza li mhux qed jilgħab bit-*toys* iżda bil-kolonna vertebrali tal-attur. Naturalment, il-fatt li l-konvenut ġie mwaqqaf mill-Kunsill Mediku ta' Malta milli jippoża ta' tabib meta ma kienx, fiż-żgur ikompli jnaqqas mill-kredibilità professjonali tiegħu, u kien ikun ferm ahjar għalih kieku ma appellax mis-sentenza.

»Dr Anthony Galea Debono tant sab ħsara fil-*vertebrae* ossija fis-*cervical spine* illi kien kostrett jirreferi l-attur għand espert *neurosurgeon* ġewwa Londra. Dan kien qallu li tant kellu ħsara estensiva fis-*cervical spine* illi kieku waqa' minn għoli konsiderevoli ma kienx ikollu daqshekk ħsara fiha. Żied igħidlu li lanqas b'daqqa f'*boxing ring* ma kien ser iġarrab daqshekk ħsara daqskemm ġarrab b'riżultat tat-tqarmiċ fis-*cervical spine.* In-*neurosurgeon* kien qed igħid dan bil-benefiċċju ta' *MRI scans* meħudin fl-isptar ġewwa Londra.

»Ix-xorta ta' negliġenza li l-*chiropractor* jista' jkun responsabbli għaliha

»Il-*chiropractor*, bħal kull persuna li taħdem sengħa jew professjoni, huwa responsabbli skont l-obbligi li huwa għandu jwettaq b'diliġenza dak li jkun mistenni minnu. Il-konvenut, minflok wera diliġenza, ġab ruħu b'mod irresponsabbli u xokkanti meta, tul medda ta' żmien, b'żewġ *sessions* kuljurn, mingħajr ma ra *X-rays*, għamel manipulazzjoni – u dan minkejja li ra lill-pazjent jgħajjat bl-uġigħ u t-tweġiba tiegħu kienet "*no pain, no gain*"! Il-ħsara serja lill-kolonna vertebrali ma kinitx xi ħaġa li vvinta l-esponent iżda kienet riżultat ta' eżamijiet kondotti mill-konsulent newrologu Dr Anthony Galea Debona, u, warajh, minn newrokirurġi Ingliżi li operaw lill-esponent ġewwa r-Renju Unit.

»Grazzi għan-nuqqas ta' ħila u l-irresponsabbiltà tal-konvenut Dominic Humphreys, l-attur issubixxa ħsara enormi. Il-konvenut ma setax joqgħod fuq il-kelma tal-pazjent minflok ma jara *X-rays* jew rapport ta' radjologu. Il-konvenut ġegħel lill-attur ineħħi l-kullar minn għonqu minnufih. Is-sotto-missjoni tal-konvenut li huwa qagħad fuq x'qallu l-pazjent fuq l-*X-ray* hija sottomissjoni assurda. Liema professjonista serju joqgħod fuq *hearsay* dwar x'juri jew ma jurix *X-ray*? Mhux ta' b'xejn, minnufih wara l-każ, Dominic Humphreys sparixxa minn Malta u mar jaħdem barra minn Malta fejn dawn il-fatti ma kinux magħrufin mill-pubbliku.

»Jekk qabel il-manipulazzjoni l-attur kien "2" fuq skala ta' uġigħ, wara l-manipulazzjoni mill-konvenut l-attur kien "10++" fuq l-istess skala ta' uġigħ. Il-konvenut imkien ma qal il-verità. L-attur kien mar għandu għax xtaq li jkun *fit* għal-logħba tal-ġimgħa ta' wara ta' *squash* minħabba t-*tournament*. L-*excruciating pain* ġie wara l-manipulazzjoni u ma kienx hemm qabel. Il-konvenut huwa inaffidabbli u x-xiehda tiegħu inattendibbli.

»Hija assolutament gidba sfaċċjata meta l-konvenut qal illi l-esponent qabad u telaq mill-isptar minn jeddu. L-esponent ġie ammess l-isptar f'Malta wara li saret il-manipulazzjoni feroċi u goffa da parti tal-konvenut, li ħallietu b'mankament serju fis-*cervical spine.* Huwa ġie ammess l-isptar

minn Dr Anthony Galea Debono. Qabel dakinhar kien mar biss għal vista li fiha kien gie mehud *X-ray* tal-*injury*. Ma kienx hemm ħsara fil-*vertebrae* kif qed jipprova jallega l-konvenut. Ma kien hemm xejn x'iżomm lill-konvenut milli jġib il-prova li l-attur qabad u telaq mill-isptar kif qed jallega falsament. Il-konvenut naqas li jipproduċi tali prova u qed jissostitwixxi l-verità b'gidba.

»Sfortunatament, fl-ewwel rapport mediku l-perit mediku mmissjat [*sic*] ir-rizultat tal-*bone density scan* li ġie muri lilha mill-attur fuq rikjesta tagħha. B'hekk l-attur ġie mċaħħad minn *quantum rating* tad-diżabilità tiegħu ta' 51%, u, minflok, is-sentenza appellata ġiet żbaljatarnent imsejsa fuq *quantum rating* ta' 25% biss. Il-konvenut, minflok ma aċċetta x-xorti tajba li nstab responsabbli għal 25% minflok il-51% li suppost instab responsabbli għalih, kellu l-ardir li jappella mis-sentenza. Dan it-tieni rapport l-esponent għandu kopja tiegħu għaliex kien ġie debitament imħallas, maħluf u ppubblikat – *eppure*, l-esponent gie mċaħħad mill-konklużjonijiet li fih, u dan minħabba żball tal-espert mediku u tad-deputat reġistratur tal-ewwel qorti u tal-ewwel qorti stess. … … …

»L-esponent jixtieq illi din il-qorti tinnota l-posizzjoni kontradittorja tal-konvenut fir-rigward tal-opinjoni esperta: filwaqt li l-konvenut iġġieled b'kull mezz biex ma jiġix ammess it-tieni rapport tal-perit mediku maħtur mill-qorti, Dr Josianne Aquilina, qed jargumenta li kien nuqqas tal-attur li jitlob il-ħatra ta' periti mediċi addizzjonali. Jaf xi jrid il-konvenut? Mela żew' rapporti mediċi li jikkwantifikaw id-diżabilità permanenti bħala 25% u 51% rispettivament ma jagħtux raġun biżżejjed lill-attur dwar il-grad ta' diżabilità li ġarrab?

»… … …

14. Effettivament dak li qiegħed igħid il-konvenut huwa illi l-qorti hija marbuta bil-konklużjoni ta' esperti tekniċi maħtura minnha. Dan huwa manifestament skorrett.

15. Deċiżjonijiet f'sentenzi jittieħdu mill-qorti, mhux mill-esperti, ukoll jekk dawk l-esperti jkunu maħtura mill-qorti stess.

16. Naturalment, il-qorti ma hijiex sejra twarrab opinjoni ta' min hu espert fil-qasam tiegħu jekk mhux għal raġunijiet serji li tfissirhom sew fil-motivazzjonijiet tas-sentenza, iżda fejn tqis li hemm raġunijiet għala ma għandhiex toqgħod fuq espert, ukoll jekk maħtur minnha, il-qorti hija ħielsa li twarrab l-opinjoni tiegħu. U għalkemm huwa minnu illi qorti x'aktarx toqgħod fuq il-fehma ta' espert imqabbad minnha milli fuq wieħed

imressaq *ex parte*, madankollu l-qorti hija ħielsa li b'deċiżjoni motivata tagħżel fuq liema opinjoni għandha toqgħod. Bil-ħatra ta' espert il-qorti ma tkunx qiegħda tabdika mid-dmir u s-setgħa tagħha li tiddeċiedi hi l-meritu tal-każ. Il-fehma ta' expert hija xiehda, mhux deċiżjoni.

17. Il-kwistjoni mela hija jekk ir-raġunijiet li wasslu lill-ewwel qorti biex toqgħod aktar fuq l-opinjoni ta' espert *ex parte* milli fuq dik ta' espert maħtur minnha stess kinux tajba u biżżejjed. Il-fatti relevanti huma dawn:

18. Waqt attività sportiva f'Jannar tal-1994 l-attur ħass uġigħ f'għonqu, u għonqu ibbies b'mod li ma setax idawru. Billi baqa' muġugħ mar għand it-Tabib Anthony Galea Debono li tah parir jilbes kullar. Mar ukoll l-isptar. L-espert mediku irrapportat hekk dwar dan l-ewwel episodju fl-isptar:

> »… … … Mr Grech [l-attur] iddaħħal l-ewwel l-isptar fis-sala tal-ortopedija fit-18 ta' Jannar 1994 taht il-kura ta. Mr C Grixti, konsulent fl-ortopedija. Kien qed jilmenta minn uġigħ qawwi f'għonqu li kien jinżel mad-driegħ ix-xellugija. L-eżami kliniku ma weriex li kien hemm *neurological deficit*. Fid-19 ta' Jannar 1994 ittiehdu *X-rays* tal-ispina cervikali li ġew irrapportati li juru it-telfien tal-kurvatura normali tal-għonq, iżda l-ispazju ta' bejn l-irkiekel kien fil-limiti normali. Ma setax jittollera trattament ta' *cervical traction* u għalhekk tlibbes kullar ma' għonqu, u ngħata mediċina kontra l-uġigħ fjammazzjoni. Mr Grech iffirma li joħroġ mill-isptar minjeddu fit-23 ta' Jannar 1994.«

19. L-għada li ħareġ mill-isptar, l-attur, fl-24 ta' Jannar 1994, mar għall-kura għand il-konvenut. Il-partijiet jaqblu illi l-konvenut ma rax ir-radjografija li kienet saret ġimgħa qabel fl-isptar, u qagħad fuq il-kelma tal-attur li qallu li r-radjografija ma kienet turi xejn. Il-konvenut ittratta lill-attur darbtejn kuljum, xi għaxar darbiet b'kollox. L-attur igħid illi l-kura kienet x'aktarx goffa u kien iħoss uġigħ kbir; il-konvenut min-naħa l-oħra jgħid illi l-kura kienet dik indikata fiċ-ċirkostanzi, għalkemm jaqbel illi l-attur kien u baqa' muġugħ.

20. Billi baqa' muġugħ l-attur ma marx aktar għand il-konvenut u reġa' mar għand it-Tabib Galea Debono, li fit-18 ta' Ġunju 1998 ħareġ ċertifikat illi jgħid hekk:

> »Mr Grech has been under my care because of severe cervical radiocculopathy by disc protrusion at 2 levels *i.e.* C5/C6 and C6/C7.
>
> »In this situation manipulation of the neck is totally contraindicated.«

21. It-Tabib Galea Debono irrefera lill-attur għand newrokirurgu fl-Ingilterra, u dan irrapporta hekk:

> »… … … I think that in such a young man[2] I am very reticent to advise surgery if it can at all be avoided especially as 2 levels of his cervical spine are involved. However, from the other point of view, conservative management does not appear to have resolved matters here and if Mr Grech is as severely effected by his pain as he appears to be then surgery obviously looks like a very attractive option.«

22. Billi l-uġigħ baqa' ma naqasx, l-attur intbagħat għand newrokirurgu ieħor l-Ingilterra, u dan, meta ra illi kura konservattiva ma kinitx qiegħda ttejjeb is-sitwazzjoni, kien tal-fehma li kellu jsir intervent kirurġiku.

23. L-ewwel intervent sar fil-15 ta' Novembru 1995. Billi l-intervent kien wieħed delikat u perikoluż, il-kirurgu illimita l-intervent kemm seta'. Eventwalment irriżulta li dan ma kienx biżżejjed, u l-attur kellu joqgħod għal intervent ieħor, aktar radikali, f'April tal-2016. Billi l-attur kellu *cervical disc herniation* kellu jitneħħa d-*disc* u l-irkiekel tal-għonq jingħaqdu flimkien bi pjanċa tat-*titanium*.

24. Fil-preżent l-attur għadu jħoss uġigħ u għandu debilità li ma jfieqx minnha għax huwa limitat fil-movimenti tiegħu u fl-attivitajiet li jista' jagħmel.

---

2 Dak iż-żmien l-attur kellu sitta u għoxrin sena.

25. Il-kwistjoni issa hija din: (i) jekk kienx hemm nuqqasijiet fl-imġieba tal-konvenut u, jekk iva, (ii) jekk hemmx rabta ta' kawża u effett bejn dawk in-nuqqasijiet u d-debilità li minnha jbati l-attur.

26. L-espert mediku irrelatat b'mod ġenerali illi fil-letteratura hemm nuqqas ta' qbil dwar jekk il-kiroprattika hijiex indikata għall-kura ta' *cervical disc herniation* li minnha kien ibati l-attur. Jidher illi pubblikazzjonijiet akka-demiċi mill-qasam tal-kiroprattika jtendu li jkunu favorevoli waqt li dawk mill-qasam tal-mediċina konvenzjonali jtendu li jkunu kuntrarji. L-espert tgħid hekk:

> »Il-kura ta' *chiropractic* li [l-attur] fittex mingħand Mr Dominic Humphreys hija terapija "alternattiva" u mhix konvenzjonali. L-opinjoni fil-qasam tas-saħħa ta' jekk din it-tip ta' terapija hijiex indikata u jekk taħdimx f'dawn il-każijiet hija kontroversjali għall-aħħar. Il-letteratura turi li jkun hemm min jibbenefika minn dan it-trattament. Iżda l-letteratura turi wkoll li jista' jkun hemm komplikazzjonijiet serji ta' manipulazzjoni tal-ispina li jinkludu *cervical disc herniation*. Insibu wkoll rakkomandazzjonijiet ta' aktar studji, u li f'dawn il-każijiet it-trattament isir minn terapisti ittrenjati u ta' esper-jenza.«

27. Dwar il-każ speċifiku tal-attur – jekk kinitx deċiżjoni għaqlija li jingħata t-terapija li ngħata mill-konvenut, u jekk il-konvenut mexxiex dik it-terapija kif iridu l-arti u s-sengħa – il-perit mediku tgħid illi:

> »Id-dijanjożi li għamel Mr Humphreys kienet ta' *cervical nerve entrapment syndrome*: *differential diagnosis C5/6 subluxation / disc protrusion* (*pro-trusion* hija kelma oħra li tintuża għal *herniation*). L-evalwazzjoni klinika tas-sitwazzjoni kienet korretta u taqbel ma' dik iddokumentata fl-isptar. Iżda l-informazzjoni li allegatament ingħatat lil Mr Humphreys li l-*X-rays* ma wrew xejn kienet żbaljata, għax fil-fatt urew it-telfien tal-kurvatura normali tal-għonq. Huwa ma rax l-*X-rays* u ma rax ir-rapport tar-radjologu. Lanqas ma kien hemm *discharge letter* minħabba li Mr Grech iffirma li joħrog minn jeddu.«

28. Dwar jekk it-terapija li ngħata mill-konvenut kinitx il-kawża tad-debilità preżenti tal-attur, jew għallinqas jekk ikkontribwietx għaliha, l-espert mediku irrelatat hekk:

> »Jekk is-*cervical disc herniation* ta' Mr Grech ħżenitx wara t-trattament ta' Mr Humphreys huwa impossibbli li jiġi definit oġġettivament fin-nuqqas ta' *MRI scan* tal-ispina ċervikali qabel u wara t-trattament. Is-sintomi tiegħu kienu ta' uġigħ qawwi qabel u anki wara t-trattament. Mr Grech però jallega li s-sintomi tiegħu kienu ħafna aktar immedjatament wara l-ewwel manipulazzjoni tal-għonq.«

29. Effettivament qiegħda tgħid illi ma hemm ebda prova oġġettiva ta' rabta ta' kawża u effett.

30. L-espert legali iżda kien ta' fehma oħra, u qablet miegħu l-ewwel qorti. Dwar responsabilità irrelata hekk:

> »Dr Josanne Aquilina [l-espert mediku] għamlet evalwazzjoni klinika tajba u eżawrjenti dwar il-kundizzjoni tal-attur u r-rata ta' diżabilità li qiegħed isofri minnha. Is-sottofirmat jinnota però illi din l-evalwazzjoni klinika flit għenet sabiex is-sottofirmat ikun jista' jsib in-ness kawżali bejn l-imsemmija diżabilità tal-attur u l-azzjonijiet tal-konvenut. Dr Aquilina ġustament tirrileva illi, sabiex ikun definit b'ċertezza jekk is-*cervical disc hernia* tal-attur ħżinitx wara t-trattament tal-konvenut, ried isir *MRI scan* tal-ispina ċervikali qabel u wara t-trattament. Dan ma sarx u allura s-sottofirmat irid jittanta illi jasal għall-konklużjoni tiegħu mhux biss a bazi tar-relazzjoni tal-espert mediku, iżda b'mod partikolari a bażi tal-provi prodotti mill-partijiet.
>
> »… … …
>
> »1. Il-konvenut kien negliġenti meta naqas milli jinsisti sabiex jara l-*X-rays* li kienu ġew meħuda lill-attur, u qagħad biss fuq dak li qallu l-istess attur, mingħajr ma qies li (1) l-ewwel nett l-attur ma kellu ebda bażi medika sabiex jaċċertah illi mill-*X-rays* ma kien irriżulta xejn u *in ogni caso* qatt ma missu qagħad unikament fuq dak li qallu l-attur, u (2) fit-tieni lok, tenut kont tal-agunija illi kien jinsab fih l-istess attur u l-istat mentali li tali uġigħ iġib miegħu, il-konvenut qatt ma missu ha b'verità assoluta dak li qallu l-attur, u *cioè*· illi mill-*X-rays* ma rrizulta xejn. Il-konvenut kellu jinsisti sabiex jara l-*X-rays* li kienu ttieħdu lill-konvenut u kien biss wara li jkun rahom illi kellu jasal sabiex jiddeċiedi (a) fl-ewwel lok jekk kienx ta' taħt idejh jew le, u (b) fit-tieni lok x'tip ta' trattament kellu juża fuqu.
>
> »2. Il-konvenut kien negliġenti meta naqas milli javża lill-attur bil-possibbli konsegwenzi u r-riskji tat-trattament illi uża. Il-fatt illi l-konvenut naqas minn dan l-obbligu ġie sottolineat ukoll mill-espert mediku fir-rapport tagħha.
>
> »3. Il-konvenut kien negliġenti wkoll meta wara għaxar trattamenti fuq l-attur, meta ra li mhux talli ma kienx hemm miljorament iżda talli s-sitwazzjoni kienet sejra għall-agħar u l-pazjent kien dejjem iktar muġugħ, ma waqqafx minn jeddu t-trattament u ma rreferihx għand speċjalista.
>
> »Dawn l-azzjonijiet negligenti min-naħa tal-konvenut żgur illi ma għenux l-istat fiżiku tal-attur, u s-sottofirmat, għalkemm ma jhossx li jista' jasal b'ċertezza għall-konkluzjoni illi l-25% diżabiiltà tal-attur ġiet ikkawżata, fit-totalità tagħha, mill-aġir tal-konvenut, jemmen illi għamlu ħafna ħsara lill-

attur. Dan huwa kkonfermat ukoll mill-Prof. Galea Debono, li kemm fiċ-ċertifikat tiegħu ippreżentat maċ-ċitazzjoni, kif ukoll waqt ix-xiehda tiegħu tas-6 ta' Ġunju 2003, jixhed illi tali manipulazzjoni kien għal kollox *contra-indicated'* u żgur li ma kienx hu li rreferih għand l-istess konvenut.

»Dan qed jingħad peress illi kif tissolleva l-espert Mediku Dr Aquilina, ma hemmx ċertifikati li juru ċar u mingħajr ebda ekwivoku illi l-attur ma kellu ebda perċentaġġ ta' diżabilità qabel ma ġie riferut għand il-konvenut. Mhux eskluż illi seta' kellu perċentaġġ ta' diżabilità, definittivament però illi din ma tirriżultax u, jekk seta' kellu, hija biss ipotesi, u mhux magħruf l-estent tagħha.«

31. Għandu jingħad qabel xejn illi ma hijiex daqstant biss "ipotesi" illi l-attur kellu grad ta' debilità qabel ma mar għand il-konvenut. Tassew illi l-attur jgħid "*originally all I had was a whiplash*" iżda l-fatt illi għamel ġimgħa l-isptar, il-fatt illi r-radjografija tal-ispina ċervikali wriet ġà f'dak il-waqt telfien tal-kurvatura normali tal-għonq, il-fatt illi "ma setax jittollera trattament ta' *cervical traction* u għalhekk tlibbes kullar ma' għonqu", u l-fatt illi ħareġ mill-isptar b'għażla tiegħu u mhux għax intbagħat minn min kien qiegħed jikkurah l-isptar – li jfisser illi, għallinqas fil-fehma tat-tobba tal-isptar, ħareġ qabel il-waqt – kollha juru illi ġà qabel ma mar għand il-konvenut il-konvenut kellu debilità mhux ħafifa.

32. Huwa minnu illi l-konvenut naqas meta ma rax ir-radjografija qabel beda t-terapija. Ir-radjografija ġà kienet ittieħdet u għalhekk ma kienx hemm l-argument illi l-attur ma jiġix espost għalxejn għar-raġġi *X*. Iżda din ir-radjografija baqgħet ma ġietx esebita fl-atti tal-kawża u għalhekk ma nġibtx prova illi, kieku l-konvenut raha qabel beda t-terapija, kien jimxi mod ieħor. Fil-fatt l-espert mediku irrelatat illi:

»Id-dijanjożi hija magħmula klinikament primarjament mis-sintomi ta' uġigħ fl-għonq li jista' jmur għal dirgħajn wieħed jew it-tnejn, kif ukoll ta' nuqqas ta' sensazzjoni u/jew saħħa fid-drigħ jew dirgħajn. Mill-eżami newroloġiku jista' jkun hemm xi sinjali ta' *neurolgical deficit*. *X-rays* tal-għonq jistgħu juru tnaqqis tal-ispazju bejn rukkell u ieħor, jew telf tal-kurvatura naturali tal-għonq minħabba *muscle spasm*. Jistgħu wkoll ikunu

> normali. Il-konferma tad-dijanjożi tiġi magħmula oġġettivament permezz ta' *MRI scan* tas-sinsla tal-għonq. Dan juri kemm ikun ħareġ id-*disc* u kemm hemm għafsa fuq in-nerv tas-sinsla u l-għeruq.«

33. Fid-dawl tal-fatt illi, ukoll jekk ikun hemm il-patoloġija, ir-radjografiji "jistgħu wkoll ikunu normali", ma jistax jingħad illi hemm prova illi n-nuqqas tal-konvenut li jara r-radjografija kellu effett fuq l-għażla ta' terapija. Kif qalet l-espert fil-konklużjonijiet tagħha, il-prova oġġettiva ssir b'*MRI scan* li, dak iż-żmien, ma kinitx disponibbli.

34. Il-konvenut naqas ukoll jekk lill-attur ma tahx tagħrif biżżejjed dwar il-kura u l-konsegwenzi li jista' jkollha, iżda dan ukoll ma huwiex prova li kienet il-kura tal-konvenut li wasslet għall-ħsara li ġarrab l-attur. Għalkemm l-attur jiċħad li ngħata dan it-tagħrif, għandu jingħad ukoll illi l-konvenut meta xehed quddiem l-ewwel qorti fil-21 ta' Jannar 2004 xehed illi "*I always keep my patients informed*"[3].

35. Il-konvenut naqas ukoll meta kompla bit-terapija meta ra li l-uġigħ kien qiegħed jiżdied flok jonqos. Tassew illi l-uġigħ huwa sintomu "soġġettiv" mhux "oġġettiv" iżda ma hemm ebda raġuni għala ma għandniex nemmnu lill-attur meta jixhed dwar l-uġigħ. Madankollu, għall-istess raġuni, ma għandniex inwarrbu x-xiehda tal-konvenut meta qal illi l-attur "*was in absolute agony when he arrived in my surgery; in fact he was virtually in tears*"[4].

36. Effettivament, mela, minn naħa waħda hemm l-opinjoni tal-espert mediku li tgħid li ma hemmx prova biżżejjed li kien l-għemil tal-konvenut –

---

3 *Fol.* 78

4 *Ibid.*

irrispettivament minn jekk kienx negliġenti jew le – li wassal għall-ħsara li ġarrab l-attur, u min-naħa l-oħra hemm ċertifikat tal-espert *ex parte* li qal biss illi l-kiroprattika hija kontro-indikata f'sitwazzjoni bħal dik tal-attur. Verament, ukoll meta magħfus mill-attur meta tellgħu biex jixhed quddiem l-ewwel qorti fis-6 ta' Ġunju 2003, l-espert *ex parte* baqa' qatt ma qal, jew b'xi mod jista' jiftehem li qal, illi kienet it-terapija tal-konvenut li għamlet il-ħsara, u għalhekk ma jistax jingħad li hemm prova, imqar ta' espert *ex parte*, li tmeri l-konklużjoni tal-espert mediku ġudizzjarju.

37. Għandu jingħad ukoll illi l-attur xehed li l-konsulenti li rawh l-Ingilterra kienu kritiċi ħafna tal-kura li ngħata mill-konvenut, iżda dawn il-konsulenti ma tresssqux biex jixhdu u għalhekk ma tressqitx l-aħjar prova, imqar b'ċertifikat maħluf li jgħid inekwivokabilment li kienet it-terapija li wasslet għall-ħsara, u mhux biss dikjarazzjonijiet ġeneriċi li l-kiroprattika hija kontro-indikata u li t-tobba ġeneralment huma kritiċi jekk mhux ukoll ostili għall-kiroprattiċi.

38. Fiċ-ċirkostanzi, ma jistax jingħad illi hemm opinjoni ta' espert, imqar *ex parte*, li tmeri l-opinjoni tal-espert mediku mqabbda mill-ewwel qorti, u għalhekk il-qorti ma tarax illi tista' b'serenità twarrab l-opinjoni tal-espert mediku li tgħid illi ma hemmx prova li tista' toqgħod fuqha li hemm rabta ta' kawża u effett bejn dak li għamel il-konvenut u l-ħsara li ġarrab l-attur.

39. Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzojnijiet, il-qorti ma tistax ma tilqax l-appell tal-konvenut dwar responsabilità.

40. Ladarba din il-qorti tasal għall-konklużjoni li ma hemmx prova tar-rabta kawżali meħtieġa biex il-konvenut jitqies responsabbli, ma jibqax meħtieġ

li nqisu dik il-parti tal-appell tal-konvenut li tolqot il-*quantum* tad-danni, kif ukoll l-appell inċidental tal-attur, li wkoll jolqot il-*quantum* tad-danni u l-ammissjoni ta' dokumenti li huma relevanti biss għall-istess likwidazzjoni tad-danni.

41. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiddisponi mill-appelli, kemm dak ewlieni u kemm dak inċidentali, billi tħassar is-sentenza appellata u, minflok, tiċħad it-talbiet tal-attur.

42. L-ispejjeż, kemm tal-ewwel grad u kemm tal-appell, iħallashom l-attur.

Mark Chetcuti
President

Giannino Caruana Demajo
Imħallef

Anthony Ellul
Imħallef

Deputat Reġistratur
gr